# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 3**

**Rikors numru 60/2007/1 JRM**

**Paul Busuttil u Francis Busuttil, John Busuttil, Emanuel Busuttil, Giovanni Busuttil, Raymond Busuttil, Joan Camilleri, Paul Zammit, Salvinu Zammit, Evaristo Zammit u Dr. Isabelle Busuttil bħala prokuratriċi tal-assenti Paul Richard Busuttil; u b'digriet tas-27 ta' Mejju, 2010, l-atti tal-kawża għaddew f'isem Carmelo Busuttil, Paul Busuttil, Joseph Busuttil u Emanuel *sive* Noel Busuttil, kif ukoll f'isem Catherine Busuttil *neé* Cachia, wara l-mewt tal-attur Francis Busuttil fil-mori tal-kawża; u b'digriet tat-3 ta' Frar, 2011, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Philip *sive* Pinu Azzopardi wara l-mewt tal-attur Salvinu Zammit fil-mori tal-kawża; u b'digriet tas-26 ta' Lulju, 2012, l-atti tal-kawża għaddew fil-persuna ta' Paul Busuttil wara l-mewt tal-attur John Busuttil fil-mori tal-kawża**

***v*.**

**Jesmond Micallef u Roderick Ellul**

1. Dan il-provvediment huwa dwar tliet rikorsi:

    i. rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Ottubru 2022 biex il-kawża tiġi differita *sine die* sakemm tinqata' kawża oħra;

    ii. rikors ieħor tal-konvenuti tat-30 ta' Jannar 2023 sabiex jieqaf is-smigħ tal-kawża sakemm issir prova li tħares dak li jrid l-art. 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kap. 364]; u

    iii. rikors ta' *Jumbo Invest Limited* tal-1 ta' Frar 2023 biex tassumi l-atti minflok tnejn mill-atturi li bigħulha l-interess u d-dritt litiġjuż tagħhom fil-kawża.

Ir-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Ottubru 2022

2. Bir-rikors tas-27 ta' Ottubru 2022 il-konvenuti fissru illi hemm pendenti kawża[1] bejn l-atturi għall-qsim tal-proprjetà li fuqha hemm il-mogħdija li dwarha saret il-kawża tal-lum. Jgħidu illi x'aktarx illi l-parti tal-art li fuqha hemm il-mogħdija tiġi assenjata lill-attur Philip Azzopardi, li huwa sid ta' biċċa art oħra li tmiss magħha. Jgħidu illi dan Philip Azzopardi "tenna mal-esponenti li huwa m'għandu ebda pretensjonijiet ta' xejn fil-konfront tagħhom".

3. Għalhekk, billi jgħidu illi x'aktarx illi, meta tinqata' l-kawża l-oħra, din tal-lum tista' sseħħ transazzjoni dwarha, il-konvenuti talbu illi din il-kawża tal-lum titħalla *sine die* sakemm tinqata' l-kawża l-oħra.

4. L-atturi wieġbu fil-15 ta' Novembru 2022 u opponew għat-talba.

---

1 Margaret Farrugia *et v.* Paul Busuttil *et*, rikors maħluf nru 769/2019.

5. Il-qorti tosserva illi t-talba tal-konvenuti biex tieqaf miexja kawża mibdija aktar minn sittax-il sena ilu hija msejsa fuq il-possibilità ta' transazzjoni li ssir possibbli jekk isseħħ possibilità oħra, *viz.* li l-art tiġi assenjata lill-attur Philip Azzopardi.

6. Il-qorti tosserva wkoll illi ma hemm ebda xiehda li turi li Philip Azzopardi tassew ma għandux pretensjonijiet kontra l-konvenuti. Anzi għadu attur fil-kawża, ma ċediex it-talbiet u, billi t-tweġiba b'oppożizzjoni għat-talba saret f'isem "l-atturi appellati Paul Busuttil *et*", il-qorti tifhem illi Philip Azzopardi wkoll qiegħed jopponi.

7. F'kull każ, iżda, ukoll jekk dak li jgħidu l-konvenuti hu minnu, possibilità msejsa fuq possibilità oħra mhux raġuni biex f'dan l-istadju tieqaf miexja kawża li ilha li nfetħet aktar minn sittax-il sena ilu.

8. Ir-rikors tal-konvenuti tas-27 ta' Ottubru 2022 huwa għalhek miċħud.

Ir-rikors tal-konvenuti tat-30 ta' Jannar 2023

9. B'rikors ieħor, din id-darba tat-30 ta' Jannar 2023, il-konvenuti reġgħu talbu li jieqaf is-smigħ tal-kawża, din id-darba għall-għanijiet tal-art. 63 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti [Kap. 364] għax "għandhom raġunijiet validi sabiex jaħsbu illi bosta komproprjetarji jew allegati komproprjetarji tal-art mertu ta' din il-kawża m'għamlux id-denunzja u/jew dikjarazzjoni *causa mortis* u ma ħallsux it-taxxa relattiva lill-Gvern".

10. Għal darba oħra l-konvenuti qegħdin jitolbu li tieqaf il-kawża għax "għandhom raġunijiet validi sabiex jaħsbu" li seħħet jew ma seħħitx xi ħaġa. Jekk dak li qegħdin jgħidu huwa minnu, naturalment il-kawża jkollha

tieqaf sakemm isir dak li trid il-liġi; jekk dak li qegħdin jgħidu ma huwiex minnu dan huwa tentattiv ieħor bħal ta' qablu biex tiġi arenata l-kawża.

11. F'dan l-istadju għalhekk il-qorti ma hijiex sejra tipprovdi dwar it-talba. Minflok, tagħti lill-konvenuti żmien ta' xahar mil-lum biex b'nota jagħmlu elenku tat-trasmissjonijiet taxxabbli li "għandhom raġunijiet validi sabiex jaħsbu" li ma ġewx denunzjati kif trid il-liġi. Din in-nota tiġi notifikata lill-atturi li jkollhom xahar żmien biex jippreżentaw kopja tad-dokumenti li jagħmlu prova li sar dak li trid il-liġi biex il-kawża tista' tkompli timxi.

12. Il-qorti tipprovdi finalment dwar ir-rikors wara li jkollha dan it-tagħrif quddiemha.

Ir-rikors ta' *Jumbo Invest Limited* tal-1 ta' Frar 2023

13. Bir-rikors tal-1 ta' Frar 2023 *Jumbo Invest Limited* fissret illi hija kisbet ishma mhux maqsuma mill-art li dwarha saret il-kawża mingħand tnejn mill-atturi – John *sive* Giovann Busuttil u Raymond Busuttil – u għalhekk talbet illi tidħol fil-kawża minflok dawk l-atturi. Il-konvenuti wieġbu fl-20 ta' Frar 2023 u jopponu għat-talba.

14. L-ewwel raġuni għall-oppożizzjoni tal-konvenuti hija illi l-asserzjoni li ż-żewġ atturi li *Jumbo Invest Limited* tgħid illi huma awturi tagħha għand-hom sehem fl-art "hija ċertament soġġetta għad-dubju serju għaliex tali sehem indiviż li huma jallegaw li għandhom ċertament li ma jkunx hemm

(almenu mhux fl-istess kwota) jekk l-imsemmija kawża ta' diviżjoni intavolata minn Margaret Farrugia *et*[2] tirnexxi.

15. Għal darba' oħra r-raġuni li jressqu l-konvenuti hija msejsa fuq possibilità. Sal-lum l-art għadha mhix maqsuma u għalhekk kull attur għad għandu s-sehem tiegħu u jista' wkoll jitrasferixxi dan is-sehem b'dan li l-effett tat-trasferiment jillimita ruħu għal dak is-sehem li eventwalment imiss lilu fil-qasma[3]. Bl-argument tal-konvenuti, lanqas l-atturi oriġinali ma setgħu jkunu atturi fil-kawża ladarba hemm il-possibilità li fil-qasma l-art ma tmissx lilhom, li hu assurd.

16. It-tieni raġuni għall-oppożizzjoni hija illi l-konvenuti jgħidu illi ma ġewx notifikati bl-assenjazzjoni tad-dritt litiġjuż kif irid l-art. 1471 Kod. Ċiv.

17. Din l-oppożizzjoni hija fiergħa. In-notifika saret permezz tar-rikors tal-1 ta' Frar 2023 li miegħu hemm kopja tal-atti li bihom iż-żewġ atturi assenjaw id-drittijiet tagħhom lil *Jumbo Invest Limited.*

18. Il-qorti għalhekk tilqa' t-talba u tordna illi wara l-ismijiet tal-atturi fl-*occhio* tal-kawża jiżdied dan il-kliem "u b'dikriet tal-25 ta' Ottubru 2023 il-kawża tkompliet f'isem *Jumbo Invest Limited* minflok John *sive* Giovann Busuttil u Raymond Busuttil li nħarġu mill-kawża".

---

2 Ara nota 1, *supra*.

3 Art. 495 Kod. Ċiv.

19. L-ispejjeż jiġu regolati fis-sentenza finali.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm